



Brussell, 7 ta' Settembru 2023
(OR. en)

12485/23

**Fajl Interistituzzjonali:
2023/0318(NLE)**

PROCIV 57	ATO 48
ENV 925	CSC 408
JAI 1084	ECOFIN 839
SAN 494	CSCI 149
COSI 140	DATAPROTECT 216
CHIMIE 85	MI 698
ENFOPOL 356	CODEC 1500
RECH 380	COPS 418
CT 133	JAIEX 46
DENLEG 38	COPEN 292
COTER 153	IND 441
RELEX 987	POLMIL 221
ENER 467	IPCR 55
HYBRID 53	DIGIT 160
TRANS 329	DISINFO 62
CYBER 203	CSDP/PSDC 608
TELECOM 251	MARE 18
ESPACE 45	POLMAR 47

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	6 ta' Settembru 2023
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2023) 526 final
Suġġett:	Proposta għal RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL dwar Pjan ta' Azzjoni biex jikkoordina rispons fil-livell tal-Unjoni għal tfixkil ta' infrastruttura kritika b'rilevanza transfruntiera sinifikanti

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument COM(2023) 526 final.

Mehmuż: COM(2023) 526 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 6.9.2023
COM(2023) 526 final

2023/0318 (NLE)

Proposta għal

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL

dwar Pjan ta' Azzjoni biex jikkoordina rispons fil-livell tal-Unjoni għal tfixkil ta' infrastruttura kritika b'rilevanza transfruntiera sinifikanti

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u objettivi tal-proposta

Fil-kuntest ġeopolitiku attwali, ikkaratterizzat minn instabbiltà li qed tikber, b'mod partikolari minħabba l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna u l-kumplessità li qed tiżdied tat-theddid għas-sigurtà, kif ukoll minn effetti tat-tibdil fil-klima bħal żieda fl-avvenimenti klimatiċi mhux tas-soltu jew l-iskarsezza tal-ilma, l-Unjoni trid tibqa' vigilant u tadatta b'mod kostanti. Iċ-ċittadini, il-kumpaniji u l-awtoritajiet fl-Unjoni jiddependu fuq infrastruttura kritika¹ minħabba s-servizzi essenzjali li jipprovdu l-entitajiet li joperaw tali infrastruttura. Tali servizzi huma kruċjali għaż-żamma tal-funzjonijiet soċjetali vitali, l-attivitajiet ekonomiċi, is-saħħa u s-sikurezza pubbliċi jew l-ambjent u jridu jiġu pprovduti b'mod mhux ostakolat fis-suq intern. Għalhekk, minħabba l-importanza ta' dawn is-servizzi essenzjali għas-suq intern u, konsegwentement, il-ħtieġa li l-infrastruttura kritika ssir aktar reżiljenti u, b'mod aktar wiesa', biex tiġi żgurata r-reżiljenza tal-entitajiet kritiċi li jipprovdu dawn is-servizzi, l-Unjoni trid tiegħu miżuri biex issaħħaħ tali reżiljenza u timmitiga kull tfixkil fil-forniment ta' tali servizzi essenzjali. Tali tfixkil jista' inkella jkollu konsegwenzi serji għaċ-ċittadini fl-Unjoni, l-ekonomiji tagħna u l-fiduċja fis-sistemi demokratiċi tagħna u jista' jaffettwa l-funzjonament bla xkiel tas-suq intern, b'mod partikolari f'kuntest ta' interdipendenzi li qed jikbru bejn is-setturi u minn naħa għal oħra tal-fruntiera.

L-Unjoni diġà ħadet għadd ta' miżuri biex ittejjeb il-ħarsien tal-infrastruttura kritika, b'mod partikolari fir-rigward tal-infrastruttura transfruntiera, u r-reżiljenza tal-entitajiet kritiċi, sabiex tevita jew timmitiga l-effetti ta' tfixkil fis-servizzi essenzjali li jipprovdu fis-suq intern.

Id-Direttiva 2008/114/KE dwar l-identifikazzjoni u l-indikazzjoni tal-infrastruttura kritika Ewropea² (id-“Direttiva ECI”) kienet l-ewwel strument legali li jistabbilixxi proċedura mal-UE kollha għall-identifikazzjoni u l-indikazzjoni ta' infrastrutturi kritiċi Ewropej u approċċ komuni tal-Unjoni biex tiġi vvalutata l-ħtieġa li jittejjeb il-ħarsien ta' tali infrastruttura kontra t-theddid ikkawżat mill-bniedem – kemm intenzjonali kif ukoll aċċidentali – kif ukoll id-diżastri naturali. Madankollu, iffukat biss fuq is-setturi tal-enerġija u tat-trasport u l-ħarsien tal-infrastruttura kritika u ma pprevedietx miżuri usa' biex tissaħħaħ ir-reżiljenza tal-entitajiet li joperaw tali infrastruttura.

Minħabba n-natura interkonnessa u transfruntiera li qed tiżdied tal-operazzjonijiet fis-suq intern, kien hemm il-ħtieġa li jiġu koperti aktar minn żewġ setturi u jinżebqu l-miżuri protettivi tal-assi individwali. Huwa għalhekk li d-Direttiva (UE) 2022/2557 dwar ir-reżiljenza tal-entitajiet kritiċi³ (id-“Direttiva CER”) ġiet adottata fl-2022, flimkien mad-Direttiva (UE) 2022/2555 dwar miżuri għal livell għoli komuni ta' ċibersigurtà madwar l-Unjoni kollha⁴ (id-“Direttiva NIS 2”). L-għan huwa li jiġi żgurat livell komprensiv ta'

¹ Infrastruttura kritika tfisser assi, faċilità, tagħmir, network jew sistema, jew parti minn assi, faċilità, tagħmir, network jew sistema, li hija meħtieġa għall-forniment ta' servizz essenzjali, (l-Artikolu 2(4) tad-Direttiva (UE) 2022/2557 dwar ir-reżiljenza tal-entitajiet kritiċi).

² Id-Direttiva tal-Kunsill 2008/114/KE tat-8 ta' Diċembru 2008 dwar l-identifikazzjoni u l-indikazzjoni tal-infrastruttura kritika Ewropea u l-valutazzjoni tal-ħtieġa għat-titjib tal-ħarsien tagħhom (ĠU L 345, 23.12.2008, p. 75).

³ Id-Direttiva (UE) 2022/2557 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-reżiljenza tal-entitajiet kritiċi u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 2008/114/KE (ĠU L 333, 27.12.2022, p. 164).

⁴ Id-Direttiva (UE) 2022/2555 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2022 dwar miżuri għal livell għoli komuni ta' ċibersigurtà madwar l-Unjoni kollha, li temenda r-Regolament (UE)

reżiljenza fiżika u diġitali tal-entitajiet kritiċi. Id-Direttiva CER daħlet fis-seħħ fis-16 ta' Jannar 2023 u għandha l-għan li tgħin lill-Istati Membri jtejbu r-reżiljenza ġenerali tal-entitajiet kritiċi, filwaqt li ssahħha il-koordinazzjoni fil-livell tal-Unjoni. Hija se tissostitwixxi d-Direttiva ECI mit-18 ta' Ottubru 2024, sa liema data l-Istati Membri jkollhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex ikunu f'konformità mad-Direttiva CER. Id-Direttiva CER tapplika għal l-il settur⁵. Hija ċċaqlaq l-enfasi mill-ħarsien ta' infrastruttura kritika għall-kunċett usa' tar-reżiljenza ta' entitajiet kritiċi li joperaw tali infrastruttura kritika, li jkopri l-perjodu qabel-matul-wara ta' inċident. Id-Direttiva NIS 2 daħlet fis-seħħ ukoll fis-16 ta' Jannar 2023 u timmodernizza l-qafas legali eżistenti biex tadatta għaż-żieda fid-diġitalizzazzjoni u xenarju tat-theddid għaċ-ċibersigurtà li qed jevolvi. Id-Direttiva NIS2 tespandi wkoll il-kamp ta' applikazzjoni tar-regoli dwar iċ-ċibersigurtà għal setturi u entitajiet ġodda u ttejjeb ir-reżiljenza u l-kapaċitajiet ta' rispons għal inċidenti tal-entitajiet pubbliċi u privati, tal-awtoritajiet kompetenti u tal-Unjoni kollha kemm hi.

Id-Direttiva CER tinkludi dispożizzjonijiet rigward in-notifika ta' inċidenti mill-entità kritika lill-awtorità kompetenti nazzjonali, in-notifika mill-awtorità kompetenti nazzjonali ta' Stati Membri oħra (potenzjalment) affettwati u n-notifika tal-Kummissjoni jekk l-inċident jaffettwa sitt Stati Membri jew aktar. Id-Direttiva CER tistipula ċerti obbligi ta' notifika ta' inċidenti meta l-inċident ikollu jew jista' jkollu impatt sinifikanti fuq entitajiet kritiċi u l-kontinwità tal-forniment ta' servizzi essenzjali lil Stat Membru wieħed jew aktar⁶.

Kif muri mis-sabotaġġ tal-pipelines tal-gass Nord Stream f'Settembru 2022, il-kuntest tas-sigurtà li fih topera l-infrastruttura kritika nbidel b'mod sinifikanti u hija meħtieġa azzjoni urġenti addizzjonali fil-livell tal-Unjoni sabiex tissahħha ir-reżiljenza tal-infrastruttura kritika, mhux biss fir-rigward tat-tħejjija iżda wkoll fir-rigward ta' rispons ikkoordinat.

F'dan il-kuntest, fit-8 ta' Diċembru 2022, ġiet adottata Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar approċċ ikkoordinat mal-Unjoni kollha biex tissahħha ir-reżiljenza tal-infrastruttura kritika⁷ ("ir-Rakkomandazzjoni għar-Reżiljenza tal-Infrastruttura Kritika") wara proposta tal-Kummissjoni. Dik ir-Rakkomandazzjoni tenfasizza, fost l-oħrajn, il-ħtieġa li fil-livell tal-Unjoni jiġi żgurat rispons ikkoordinat u effettiv għar-riskji attwali u tal-futur għall-forniment ta' servizzi essenzjali. B'mod aktar speċifiku, il-Kunsill stieden lill-Kummissjoni "biex tabbozza Pjan ta' Azzjoni dwar rispons ikkoordinat għal tfixkil ta' infrastruttura kritika b'rilevanza transfruntiera sinifikanti". Ir-Rakkomandazzjoni ssemmi li l-Pjan ta' Azzjoni jenħteġ li jkun koerenti mal-Protokoll tal-UE kontra t-theddid ibridu⁸, iqis ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2017/1584 dwar rispons ikkoordinat għal inċidenti u kriżijiet taċ-ċibersigurtà fuq skala kbira⁹ ("Pjan ta' Azzjoni għaċ-Ċibernetika") u jirrispetta l-arranġamenti Integrati għal Rispons Politiku Integrat f'Sitwazzjonijiet ta' Krizi¹⁰ (Integrated Political Crisis Response, "IPCR").

Nru 910/2014 u d-Direttiva (UE) 2018/1972, u li tħassar id-Direttiva (UE) 2016/1148 (ĠU L 333, 27.12.2022, p. 80).

⁵ L-enerġija, it-trasport, il-banek, l-infrastruttura tas-suq finanzjarju, l-infrastruttura diġitali, l-amministrazzjoni pubblika, l-isparju, is-saħħa, l-ilma tajjeb għax-xorb, l-ilma mormi, il-produzzjoni, l-ipproċessar u d-distribuzzjoni tal-ikel.

⁶ F'konformità mal-Artikolu 15 (1) u (3) tad-Direttiva CER.

⁷ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-8 ta' Diċembru 2022 dwar approċċ ikkoordinat mal-Unjoni kollha biex tissahħha ir-reżiljenza tal-infrastruttura kritika 2023/C 20/01 (ĠU C 20, 20.1.2023, p. 1).

⁸ Id-Dokument ta' Ħidma Konġunt tal-Persunal - Protokoll tal-UE kontra t-theddid ibridu SWD(2023)116 final.

⁹ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1584 tat-13 ta' Settembru 2017 dwar rispons ikkoordinat għal inċidenti u kriżijiet taċ-ċibersigurtà fuq skala kbira (ĠU L 239, 19.9.2017, p. 36).

¹⁰ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1993 tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar l-Arranġamenti Integrati tal-UE għal Rispons Politiku f'Sitwazzjonijiet ta' Kriżi (ĠU L 320, 17.12.2018, p. 28).

F'dan l-isfond, il-proposta attwali għal Rakkomandazzjoni addizzjonali tal-Kunsill fiha Pjan ta' Azzjoni bħal dan. Il-proposta għandha l-għan li tikkomplementa l-qafas legali attwali billi tiddekrivi r-rispons ikkoordinat fil-livell tal-Unjoni fir-rigward ta' tfixkil ta' infrastruttura kritika b'rilevanza transfruntiera sinifikanti filwaqt li tagħmel użu mill-arranġamenti eżistenti fil-livell tal-Unjoni. B'mod konkret, il-proposta tiddekrivi l-kamp ta' applikazzjoni u l-oġettivi tal-Pjan ta' Azzjoni u tal-atturi, il-proċessi u l-għodod eżistenti li jistgħu jintużaw sabiex jirrispondu, b'mod koordinat fil-livell tal-Unjoni, għal inċident ta' infrastruttura kritika fixkiela b'effett transfruntier sinifikanti u tiddekrivi l-modi ta' kooperazzjoni bejn l-Istati Membri, l-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni f'sitwazzjonijiet bħal dawn.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika**

Din il-proposta għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill hija f'konformità mal-qafas legali attwali dwar il-ħarsien tal-infrastruttura kritika u r-reżiljenza tal-entitajiet kritiċi u tikkomplementah - id-Direttiva ECI u d-Direttiva CER rispettivament, kif ukoll ir-Rakkomandazzjoni għar-Reżiljenza tal-Infrastruttura Kritika - peress li għandha l-għan li tiżgura, b'mod komplementari, il-koordinazzjoni bejn l-Istati Membri, u bejnhom u l-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni fir-rigward tar-rispons għal inċidenti li jikkawżaw tfixkil ta' infrastruttura kritika b'rilevanza transfruntiera sinifikanti u l-forniment ta' servizzi essenzjali. Il-proposta tagħmel użu mill-istrutturi u l-mekkaniżmi eżistenti fil-livell tal-Unjoni, inklużi dawk stabbiliti mid-Direttiva CER, jiġifieri l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti u l-Grupp għar-Reżiljenza tal-Entitajiet Kritiċi, li huwa grupp stabbilit bid-Direttiva CER biex jappoġġja lill-Kummissjoni u jiffaċilita l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri u l-iskambju ta' informazzjoni dwar kwistjonijiet relatati mad-Direttiva CER.

Din il-proposta għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill hija wkoll f'konformità u komplementari mal-qafas tal-Unjoni dwar iċ-ċibersigurtà kif stabbilit bid-Direttiva NIS 2.

Il-proposta attwali għandha l-għan li tippreżenta, fil-qasam tar-reżiljenza ta' entitajiet kritiċi u l-ħarsien ta' infrastruttura kritika, Pjan ta' Azzjoni għall-Infrastruttura Kritika simili għall-Pjan ta' Azzjoni għaċ-Ċibernetika.

Il-punt 4(b) tal-Parti I tal-Anness jispjega wkoll l-interkonnessjonijiet mal-Pjan ta' Azzjoni għaċ-Ċibernetika, li japplika għal inċidenti taċ-ċibersigurtà fuq skala kbira li jikkawżaw tfixkil kbir wisq biex Stat Membru kkonċernat jindirizzahom waħdu jew li jaffettwaw żewġ Stati Membri jew aktar jew l-istituzzjonijiet tal-Unjoni b'tali impatt wiesa' u sinifikanti mil-lat tekniku jew politiku li jkun jirrikjedu koordinazzjoni ta' politika u rispons f'waqthom fil-livell politiku tal-Unjoni. Incident hija definita fid-Direttiva NIS 2 bħala "avveniment li jikkomprometti d-disponibbiltà, l-awtentiċità, l-integrità jew il-kunfidenzjalità tad-data mażżuna, trażmessa jew ipproċessata jew tas-servizzi offruti minn networks u sistemi tal-informazzjoni, jew aċċessibbli permezz tagħhom" ("inċident ċibernetiku").

L-awtoritajiet kompetenti skont id-Direttiva CER u skont id-Direttiva NIS 2 għandhom l-obbligu li jikkooperaw u jiskambjaw informazzjoni dwar l-inċidenti ċibernetiċi u l-inċidenti li jaffettwaw lil entitajiet kritiċi, inkluż fir-rigward tal-miżuri rilevanti meħuda. F'sitwazzjoni li fiha inċident sinifikanti ta' infrastruttura kritika u inċident taċ-ċibersigurtà fuq skala kbira jaffettwaw l-istess entità, jenħtieġ li jkun hemm koordinazzjoni dwar ir-risponsi possibbli bejn l-atturi rilevanti.

Il-proposta hija konsistenti mal-Protokoll tal-UE kontra t-theddid ibridu b'dan tal-aħħar ikun applikabbli fil-każ ta' inċidenti ibridi. Il-punt 4(a) tal-Parti I tal-Anness jispjega l-interkonnessjonijiet mal-Protokoll tal-UE, inkluż liema strument japplika f'każ ta' inċident sinifikanti ta' infrastruttura kritika b'dimensjoni ibrida.

Il-proposta hija koerenti wkoll ma' mekkaniżmi eżistenti oħra għall-immaniġġar ta' kriżijiet fil-livell tal-Unjoni, bħall-arranġamenti IPCR tal-Kunsill, il-proċess intern tal-Kummissjoni ta' koordinazzjoni f'sitwazzjonijiet ta' kriżi, ARGUS¹¹ u l-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili¹² (Union Civil Protection Mechanism, "UCPM") appoġġjat miċ-Ċentru tiegħu ta' Koordinazzjoni tar-Reazzjoni f'każ ta' Emerġenza (Emergency Response Coordination Centre, "ERCC"), u l-Mekkaniżmu ta' Rispons għall-Kriżijiet tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna.

Il-proposta hija konsistenti wkoll ma' leġislazzjoni settorjali rilevanti oħra, u b'mod partikolari ma' miżuri speċifiċi fiha li jirregolaw ċerti aspetti ta' rispons għal tfixkil mill-entitajiet li joperaw fis-setturi kkonċernati.

2. BAŻI LEGALI, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

• Bażi legali

Il-proposta hija bbażata fuq l-Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ("TFUE"), li jinvolve l-approssimazzjoni tal-liġijiet għat-titjib tas-suq intern, flimkien mal-Artikolu 292 TFUE, li jstabbilixxi r-regoli rilevanti rigward l-adozzjoni ta' Rakkomandazzjonijiet.

L-għażla tal-Artikolu 114 TFUE bħala l-bażi legali sostantiva hija ġġustifikata mill-fatt li r-Rakkomandazzjoni proposta tal-Kunsill għandha l-għan li tiżgura rispons ikkoordinat f'każ ta' tfixkil ta' infrastruttura kritika b'rilevanza transfruntiera sinifikanti. Tali tfixkil jaffettwa diversi Stati Membri u jirriskja li jaffettwa l-funzjonament tas-suq intern minħabba l-interdipendenzi li qed jikbru bejn l-infrastruttura u s-setturi f'ekonomija tal-Unjoni dejjem aktar interdipendenti. Rispons imtejjeb għat-tfixkil jevita, min-naħa tiegħu, tfixkil fil-funzjonament tas-suq intern peress li daww l-infrastruttura kritika u s-servizzi essenzjali li din tipprovd huma kruċjali għaż-żamma tal-funzjonijiet soċjetali vitali, l-attivitajiet ekonomiċi, is-saħħa u s-sikurezza pubblika, jew l-ambjent.

Il-proposta tikkomplementa lid-Direttivi ECI u CER, li huma bbażati wkoll fuq l-Artikolu 114 TFUE. Ir-Rakkomandazzjoni għar-Reżiljenza tal-Infrastruttura Kritika, bħar-Rakkomandazzjoni li qed tiġi proposta issa, hija bbażata wkoll fuq l-Artikoli 114 u 292 TFUE.

• Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)

Billi r-rispons għal tfixkil ta' infrastruttura kritika jew tas-servizzi pprovduti mill-entitajiet kritiċi li joperaw dik l-infrastruttura kritika hija l-ewwel u qabel kollox ir-responsabbiltà tal-Istati Membri, l-Unjoni għandha rwol importanti x'taqdi f'każ ta' tfixkil ta' infrastruttura kritika b'rilevanza transfruntiera sinifikanti, peress li tali tfixkil jista' jkollu impatt fuq diversi oqsma jew anki l-oqsma kollha tal-attività ekonomika fis-suq uniku, is-sigurtà u r-relazzjonijiet internazzjonali tal-Unjoni. Bl-għan li jiġi żgurat il-funzjonament tas-suq intern, il-koordinazzjoni, fil-livell tal-Unjoni, f'każ ta' tfixkil ta' infrastruttura kritika b'effett transfruntier sinifikanti mhijiex biss xierqa iżda wkoll meħtieġa peress li tali rispons koordinat

¹¹ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, u lill-Kumitat tar-Reġjuni - Dispożizzjonijiet tal-Kummissjoni dwar is-sistema ġenerali ta' twissija f'waqtha "ARGUS", COM(2005) 662 final.

¹² Ir-Regolament (UE) 2021/836 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2021 li jemenda d-Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE dwar Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili (ĠU L 185, 26.5.2021, p. 1).

fil-livell tal-Unjoni jappoġġja r-rispons tal-Istati Membri għat-tfixkil permezz ta' għarfien komuni tas-sitwazzjoni, komunikazzjoni pubblika kkoordinata u mitigazzjoni tal-konsegwenzi tat-tfixkil għas-suq intern.

- **Proporzjonalità**

Din il-proposta hija f'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità kif previst fl-Artikolu 5(4) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.

La l-kontenut u lanqas il-forma ta' din ir-Rakkomandazzjoni proposta tal-Kunsill ma jaqbuż dak li huwa meħtieġ biex jintlaħqu l-oġġettivi tagħha. L-azzjonijiet proposti huma proporzjonali għall-oġġettivi segwiti, li jiffukaw fuq l-iżgurar ta' rispons ikkoordinat fil-livell tal-Unjoni f'każ ta' tfixkil ta' infrastruttura kritika jew tas-servizzi pprovduti mill-entitajiet kritiċi li joperaw dik l-infrastruttura kritika u li għandu rilevanza transfruntiera sinifikanti. Dan ir-rispons ikkoordinat propost huwa proporzjonat mal-prerogattivi u l-obbligi tal-Istati Membri skont il-liġi nazzjonali. Inċidenti li jfjixxlu l-infrastruttura kritika jew il-forniment ta' servizzi essenzjali minn entitajiet kritiċi spiss jaqgħu taħt il-livell limitu ta' inċident sinifikanti ta' infrastruttura kritika u jistgħu jiġu indirizzati b'mod effettiv fil-livell nazzjonali. Għalhekk, l-użu tal-mekkaniżmu pprovdut minn din il-proposta huwa limitat għal tfixkil kbir li għandu rilevanza transfruntiera sinifikanti li jaffettwa diversi Stati Membri.

- **Għażla tal-istrument**

Biex jintlaħqu l-oġġettivi msemmija hawn fuq, it-TFUE jipprevedi l-adozzjoni b'mod partikolari fl-Artikolu 292 tiegħu, ta' Rakkomandazzjonijiet, mill-Kunsill, fuq il-bażi ta' proposta tal-Kummissjoni. F'konformità mal-Artikolu 288 TFUE, ir-Rakkomandazzjonijiet ma għandhomx saħħa vinkolanti. Rakkomandazzjoni tal-Kunsill hija strument xieraq f'dan il-każ peress li tindika l-impenn tal-Istati Membri lejn il-miżuri inklużi fiha u tipprovdri bażi soda għall-kooperazzjoni fil-qasam ta' rispons ikkoordinat f'każ ta' tfixkil sinifikanti ta' infrastruttura kritika. B'dan il-mod, ir-Rakkomandazzjoni proposta tikkomplementa l-qafas legali vinkolanti (b'mod partikolari, id-Direttiva CER) kif ukoll ir-Rakkomandazzjoni għar-Reżiljenza tal-Infrastruttura Kritika adottata qabel, li tappella għal tali miżuri komplementari, filwaqt li tirrispetta bis-sħiħ ir-responsabbiltajiet tal-Istati Membri fil-qasam inkwistjoni.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET EX POST, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Fl-iżvilupp ta' din il-proposta, ġew ikkonsultati l-Istati Membri, l-istituzzjonijiet u l-aġenziji tal-Unjoni. Flimkien ma' dan, tqiesu l-fehmiet ta' esperti tal-Istati Membri espressi kemm waqt is-sessjoni ta' ħidma tal-24 ta' April 2023 kif ukoll mibgħuta bil-miktub wara dik is-sessjoni ta' ħidma.

Kien hemm kunsens ġenerali dwar l-utilità ta' aktar koordinazzjoni fir-rispons fil-livell tal-Unjoni għal tfixkil ta' infrastruttura kritika b'rilevanza transfruntiera sinifikanti fil-kuntest tat-tħaddid attwali, filwaqt li jiġu rispettati l-kompetenza tal-Istati Membri f'dan il-qasam u l-kunfidenzjalità tal-informazzjoni sensittiva. Kien hemm ukoll kunsens dwar il-ħtieġa li tiġi evitata d-duplikazzjoni tal-istrumenti u li jsir użu tajjeb mill-mekkaniżmi eżistenti fil-livell tal-Unjoni għall-koordinazzjoni, il-kondiviżjoni ta' informazzjoni u r-rispons.

Filwaqt li ċerti Stati Membri kellhom fehma pożittiva fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni usa' tal-Pjan ta' Azzjoni għall-Infrastruttura Kritika, oħrajn qiesu li l-limitu ta' sitt Stati

Membri jew aktar previst fid-Direttiva CER fir-rigward tal-identifikazzjoni ta' entitajiet kritiċi ta' sinifikat Ewropew partikolari kien biżżejjed u ma kienx meħtieġ li t-tieni tip ta' inċident jiġi inkluż fil-kamp ta' applikazzjoni. Xi Stati Membri rrimarkaw dwar l-importanza li jiġu involuti, meta xieraq, l-operaturi ta' infrastruttura kritika li jipprovdu servizzi essenzjali, minħabba l-għarfien espert tagħhom u l-importanza li titqies id-dimensjoni ċibernetika.

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

Il-proposta għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tikkonsisti minn parti ewlenija u anness.

Il-parti ewlenija tikkonsisti minn 11-il punt kif ġej:

Il-punt (1) jistabbilixxi l-hteġa għal kooperazzjoni msaħħa fir-rigward tar-rispons għal inċidenti sinifikanti tal-infrastruttura kritika f'konformità mal-Pjan ta' Azzjoni għall-Infrastruttura Kritika li jinsab f'din ir-Rakkomandazzjoni proposta, inklużi l-partijiet rilevanti tal-Anness tagħha.

Il-punt (2) jispeċifika l-kamp ta' applikazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni għall-Infrastruttura Kritika, li jirreferi għal żewġ tipi ta' sitwazzjonijiet ta' inċidenti ta' tfixkil li jiskattaw l-applikazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni għall-Infrastruttura Kritika: l-inċident ikollu effett ta' tfixkil sinifikanti fuq il-forniment ta' servizzi essenzjali lil sitt Stati Membri jew aktar jew fihom; jew ikollu effett ta' tfixkil sinifikanti f'żewġ Stati Membri jew aktar u jkun hemm qbil bejn l-atturi rilevanti msemmija fih dwar il-hteġa għal koordinazzjoni fil-livell tal-Unjoni minħabba l-impatt sinifikanti tal-inċident.

Il-punt (3) jirreferi għall-identifikazzjoni tal-atturi rilevanti li għandhom ikunu involuti fil-Pjan ta' Azzjoni għall-Infrastruttura Kritika u l-livelli li fihom se jopera l-Pjan ta' Azzjoni għall-Infrastruttura Kritika (operazzjonali, strateġiku/politiku). Dan huwa spjegat aktar fl-Anness tar-Rakkomandazzjoni.

Il-punt (4) jirrakkomanda l-applikazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni għall-Infrastruttura Kritika f'koerenza ma' strumenti rilevanti oħra kif deskritti fl-Anness.

Il-punt (5) jirrakkomanda lill-Istati Membri jirrispondu b'mod effettiv, fil-livell nazzjonali, għal tfixkil sinifikanti ta' infrastruttura kritika.

Il-punt (6) jirrakkomanda l-istabbiliment jew l-indikazzjoni ta' punti ta' kuntatt mill-atturi rilevanti li jenħtieġ li jappoġġjaw l-użu tal-Pjan ta' Azzjoni għall-Infrastruttura Kritika. Meta possibbli, jenħtieġ li dawn il-punti ta' kuntatt ikunu l-istess bħall-punti uniċi ta' kuntatt skont id-Direttiva CER.

Il-punt (7) jirreferi għall-fluss ta' informazzjoni f'każ ta' inċident sinifikanti ta' infrastruttura kritika.

Il-punt (8) jespandi dwar kif jenħtieġ li jsir l-iskambju ta' informazzjoni.

Il-punt (9) jirrakkomanda l-ittestjar tal-funzjonament tal-Pjan ta' Azzjoni għall-Infrastruttura Kritika permezz ta' eżerċizzji.

Il-punt (10) jirrakkomanda li t-tagħlimiet identifikati jenħtieġ li jiġu diskussi fil-Grupp għar-Reżiljenza tal-Entitajiet Kritiċi, li jenħtieġ li jħejji rapport, inklużi rakkomandazzjonijiet. Jenħtieġ li r-rapport jiġi adottat mill-Kummissjoni.

Il-punt (11) jirrakkomanda lill-Istati Membri jiddiskutu r-rapport fil-Kunsill.

L-Anness jiddeskrivi l-oġettivi, il-prinċipji, l-atturi ewlenin, l-interazzjoni mal-mekkaniżmi eżistenti ta' rispons għall-kriżijiet u l-funzjonament tal-Pjan ta' Azzjoni għall-Infrastruttura Kritika biż-żewġ modi ta' kooperazzjoni tiegħu: l-iskambju ta' informazzjoni u r-rispons.

Proposta għal

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL

dwar Pjan ta' Azzjoni biex jikkoordina rispons fil-livell tal-Unjoni għal tfixkil ta' infrastruttura kritika b'rilevanza transfruntiera sinifikanti

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 114 u l-Artikolu 292 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Id-dipendenza fuq infrastruttura kritika reżiljenti u entitajiet kritiċi reżiljenti li jipprovdu servizzi li huma kruċjali għaż-żamma tal-funzjonijiet soċjetali vitali, l-attivitajiet ekonomiċi, is-saħħa u s-sikurezza pubblika, jew l-ambjent, hija fundamentali għall-funzjonament bla xkiel tas-suq intern u tas-soċjetà kollha kemm hi.
- (2) Fix-xenarju tar-riskju attwali li qed jevolvi u fid-dawl tal-interdipendenzi li qed jikbru bejn l-infrastruttura u s-setturi u, b'mod aktar wiesa', l-interkonnnessjonijiet bejn is-setturi u minn naħa għal oħra tal-fruntiera, hemm il-ħtieġa li jiġu indirizzati u msaħħa, b'mod komprensiv u kkoordinat, il-ħarsien ta' infrastruttura kritika u r-reżiljenza ta' entitajiet kritiċi li joperaw tali infrastruttura.
- (3) Inċident li jfixkel l-infrastruttura kritika u b'hekk ma jippermettix jew ifixkel serjament il-forniment ta' servizzi essenzjali jista' jkollu effetti transfruntieri sinifikanti u jkollu impatt negattiv fuq is-suq intern. Sabiex jiġi żgurat approċċ immirat, proporzjonat u effettiv, jenħtieġ li jittieħdu miżuri biex jiġu indirizzati, b'mod partikolari, inċidenti sinifikanti ta' infrastruttura kritika, kif speċifikat f'din ir-Rakkomandazzjoni, li jkopru pereżempju sitwazzjonijiet li fihom it-tfixkil ikkawżat mill-inċident ikun ta' tul ta' żmien twil jew jista' jkollu effetti kaskati konsiderevoli fl-istess setturi jew Stati Membri jew f'setturi jew Stati Membri oħra.
- (4) Rispons ikkoordinat għal inċidenti sinifikanti ta' infrastruttura kritika huwa essenzjali sabiex jiġi evitat tfixkil kbir fis-suq intern u jiġi żgurat ir-restawr tal-forniment ta' daww is-servizzi essenzjali kemm jista' jkun malajr, peress li tali inċidenti jista' jkollhom konsegwenzi serji fuq l-ekonomija u ċ-ċittadini fl-Unjoni. Rispons effettiv u f'waqtu fil-livell tal-Unjoni għal tali inċidenti jirrikjedi kooperazzjoni rapida u effettiva fost l-atturi rilevanti kollha u azzjoni koordinata appoġġjata fil-livell tal-Unjoni. Tali rispons jiddependi, għalhekk, fuq l-eżistenza ta' proċeduri u mekkaniżmi ta' kooperazzjoni stabbiliti minn qabel u, sa fejn ikun possibbli, imħejjija tajjeb, b'rwooli u responsabbiltajiet speċifikati tal-atturi ewlenin fil-livelli nazzjonali u tal-Unjoni.

- (5) Filwaqt li r-responsabbiltà primarja għall-iżgurar ta' rispons għal inċidenti sinifikanti ta' infrastruttura kritika hija tal-Istati Membri u l-entitajiet li joperaw infrastruttura kritika u li jipprovdu servizzi essenzjali, żieda fil-koordinazzjoni fil-livell tal-Unjoni hija xierqa f'każ ta' tfixkil b'rilevanza transfruntiera sinifikanti. Rispons effettiv u f'waqtu jiddependi mhux biss fuq l-użu ta' mekkaniżmi nazzjonali mill-Istati Membri iżda wkoll fuq azzjoni kkoordinata appoġġjata fil-livell tal-Unjoni, inkluż li jkun hemm kooperazzjoni rilevanti b'mod rapidu u effettiv.
- (6) Il-ħarsien ta' infrastruttura kritika Ewropea bħalissa hija rregolata mid-Direttiva tal-Kunsill 2008/114/KE¹, li tkopri biss żewġ setturi, jiġifieri t-trasport u l-enerġija. Dik id-Direttiva tistabbilixxi proċedura għall-identifikazzjoni u l-indikazzjoni tal-infrastruttura kritika Ewropea u approċċ komuni dwar il-valutazzjoni tal-ħtieġa għat-titjib tal-ħarsien ta' tali infrastruttura. Hija l-pilastru ċentrali tal-Programm Ewropew għall-Ħarsien tal-Infrastruttura Kritika² (European Programme for Critical Infrastructure Protection, "EPCIP") adottat mill-Kummissjoni fl-2006 li stabbiliet qafas għall-perikli kollha fil-livell Ewropew għall-ħarsien tal-infrastruttura kritika.
- (7) Sabiex tmur lil hinn mill-ħarsien tal-infrastruttura kritika u tiżgura, b'mod aktar wiesa', ir-reżiljenza ta' entitajiet kritiċi li joperaw tali infrastruttura li jipprovdu servizzi essenzjali fis-suq intern, id-Direttiva (UE) 2022/2557 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³ se tissostitwixxi d-Direttiva 2008/114/KE mit-18 ta' Ottubru 2024. Id-Direttiva (UE) 2022/2557 tkopri 11-il settur u tipprevedi obbligi li jsaħħu r-reżiljenza għall-Istati Membri u l-entitajiet kritiċi, il-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri u mal-Kummissjoni kif ukoll l-appoġġ mill-Kummissjoni għall-awtoritajiet nazzjonali u l-entitajiet kritiċi u l-appoġġ mill-Istati Membri għall-entitajiet kritiċi.
- (8) Wara s-sabotaġġ tal-pipelines tal-gass Nord Stream, hemm il-ħtieġa għal aktar miżuri li jsaħħu r-reżiljenza għall-infrastruttura kritika li għandhom jiġu adottati fil-livell tal-Unjoni. Għalhekk, abbażi ta' proposta tal-Kummissjoni, il-Kunsill adotta r-Rakkomandazzjoni dwar approċċ ikkoordinat mal-Unjoni kollha biex tissaħħaħ ir-reżiljenza tal-infrastruttura kritika ("Rakkomandazzjoni 2023/C 20/01")⁴, li għandha l-għan li ttejjeb it-tnejn, ir-rispons u l-kooperazzjoni internazzjonali f'dan il-qasam. Dik ir-Rakkomandazzjoni enfasizzat b'mod notevoli l-ħtieġa li fil-livell tal-Unjoni jiġi żgurat rispons ikkoordinat u effettiv għar-riskji għall-forniment ta' servizzi essenzjali.
- (9) Għalhekk, huwa meħtieġ li l-qafas legali eżistenti jiġi kkomplementat minn Rakkomandazzjoni addizzjonali tal-Kunsill li tistabbilixxi Pjan ta' Azzjoni dwar rispons ikkoordinat għal tfixkil ta' infrastruttura kritika b'rilevanza transfruntiera sinifikanti ("il-Pjan ta' Azzjoni għall-Infrastruttura Kritika"), filwaqt li jsir użu mill-arranġamenti eżistenti fil-livell tal-Unjoni.
- (10) Jenħtieġ li din ir-Rakkomandazzjoni tiġi allinjata mar-Rakkomandazzjoni 2023/C 20/01, biex tiġi żgurata l-konsistenza u tiġi evitata d-duplikazzjoni. Għalhekk, jenħtieġ

¹ Id-Direttiva tal-Kunsill 2008/114/KE tat-8 ta' Diċembru 2008 dwar l-identifikazzjoni u l-indikazzjoni tal-Infrastruttura Kritika Ewropea u l-valutazzjoni tal-ħtieġa għat-titjib tal-ħarsien tagħhom (ĠU L 345, 23.12.2008, p.75).

² COM (2006) 786 final tat-12 ta' Diċembru 2006 – Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar Programm Ewropew għall-Ħarsien tal-Infrastruttura Kritika.

³ Id-Direttiva (UE) 2022/2557 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2022 dwar ir-reżiljenza tal-entitajiet kritiċi u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 2008/114/KE (ĠU L 333, 27.12.2022, p. 164).

⁴ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-8 ta' Diċembru 2022 dwar approċċ ikkoordinat mal-Unjoni kollha biex tissaħħaħ ir-reżiljenza tal-infrastruttura kritika 2023/C 20/01 (ĠU C 20, 20.1.2023, p. 1).

li din ir-Rakkomandazzjoni ma tkoprix, bħala tali, l-elementi l-oħra taċ-ċiklu tal-ħajja tal-immaniġġar ta' kriżijiet, jiġifieri l-prevenzjoni, it-tħejjija u l-irkupru.

- (11) Jenħtieġ li din ir-Rakkomandazzjoni tikkomplementa d-Direttiva (UE) 2022/2557, b'mod partikolari f'termini ta' rispons ikkoordinat, u jenħtieġ li tiġi implimentata filwaqt li tiġi żgurata l-koerenza ma' dik id-Direttiva u ma' kull regola applikabbli oħra tad-dritt tal-Unjoni. Għalhekk, jenħtieġ li din ir-Rakkomandazzjoni tiddependi wkoll fuq, sa fejn ikun possibbli, il-kunċetti, l-ġhodod u l-proċessi ta' dik id-Direttiva u tużahom, bħall-Grupp għar-Reżiljenza tal-Entitajiet Kritiċi, li jaġixxi fil-limiti tal-kompiti tiegħu kif stabbilit f'dik id-Direttiva, u l-punti ta' kuntatt. Barra minn hekk, il-kunċett ta' "infrastruttura kritika" kif użat f'din ir-Rakkomandazzjoni jenħtieġ li jinftehem bl-istess mod kif stabbilit fil-premessa 7 tar-Rakkomandazzjoni 2023/C 20/01, jiġifieri, li jinkludi l-infrastruttura kritika rilevanti identifikata minn Stat Membru fil-livell nazzjonali jew indikata bħala infrastruttura kritika Ewropea skont id-Direttiva 2008/114/KE, kif ukoll entitajiet kritiċi li għandhom jiġu identifikati skont id-Direttiva (UE) 2022/2557. Sabiex tiġi żgurata l-konsistenza mad-Direttiva (UE) 2022/2557, jenħtieġ li daww il-kunċetti użati f'din ir-Rakkomandazzjoni għalhekk jiġu interpretati bħala li għandhom l-istess tifsira bħal f'dik id-Direttiva. Pereżempju, il-kunċett ta' reżiljenza, kif iddefinit fl-Artikolu 2, il-punt 2 ta' dik id-Direttiva, jenħtieġ li wkoll jinftehem bħala li jirreferi għall-kapaċità ta' infrastruttura kritika li tipprevjeni, tipproteġi kontra, tirrispondi għal, tirreżisti, ittaffi, tassorbi, takkomoda jew tirkupra minn avvenimenti li jfixxlu b'mod sinifikanti jew li għandhom il-potenzjal li jfixxlu b'mod sinifikanti l-forniment ta' servizzi essenzjali fis-suq intern, jiġifieri servizzi li huma kruċjali għaż-żamma ta' funzjonijiet soċjetali u ekonomiċi vitali, is-sikurezza u s-sigurtà pubblika, is-saħħa tal-popolazzjoni, jew l-ambjent.
- (12) Barra minn hekk, il-kunċett ta' "effett ta' tfixkil sinifikanti" jenħtieġ li jinftehem fid-dawl tal-kriterji previsti fl-Artikolu 7(1) tad-Direttiva (UE) 2022/2557, li jirreferu għal: i) l-għadd ta' utenti li jiddependu fuq is-servizz essenzjali pprovdut mill-entità kkonċernata; ii) il-punt sa fejn setturi u sottosetturi oħra stabbiliti fl-Anness tad-Direttiva jiddependu fuq is-servizz essenzjali inkwistjoni; iii) l-impatt li jista' jkollhom l-inċidenti, f'termini ta' grad u tul ta' żmien, fuq l-attivitajiet ekonomiċi u soċjetali, l-ambjent, is-sikurezza u s-sigurtà pubblika, jew is-saħħa tal-popolazzjoni; iv) is-sehem mis-suq tal-entità fis-suq tas-servizz essenzjali jew tas-servizzi essenzjali kkonċernati; v) iż-żona ġeografika li tista' tiġi affettwata minn inċident, inkluż kull impatt transfruntier, filwaqt li titqies il-vulnerabbiltà assoċjata mal-grad ta' iżolament ta' ċerti tipi ta' żoni ġeografiċi, bħal reġjuni insulari, reġjuni mbiegħda jew żoni muntanjużi; vi) l-importanza tal-entità biex jinżamm livell suffiċjenti tas-servizz essenzjali, filwaqt li titqies id-disponibbiltà ta' mezzi alternattivi għall-forniment ta' dak is-servizz essenzjali.
- (13) Fl-interess tal-effiċjenza u l-effettività, jenħtieġ li l-Pjan ta' Azzjoni għall-Infrastruttura Kritika jkun koerenti u interoperabbli bis-sħiħ mal-protokoll operazzjonali rivedut tal-Unjoni kontra t-theddid ibridu⁵ u jqis il-Pjan ta' Azzjoni eżistenti dwar ir-rispons ikkoordinat għal inċidenti u kriżijiet transfruntiera taċ-ċibersigurtà fuq skala kbira stabbilit bir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1584⁶ ("Pjan ta' Azzjoni għaċ-Ċibernetika"), u l-mandat tan-network Ewropew

⁵ Id-Dokument ta' Ħidma Konġunt tal-Persunal - Protokoll tal-UE kontra t-theddid ibridu SWD(2023)116 final.

⁶ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1584 tat-13 ta' Settembru 2017 dwar rispons ikkoordinat għal inċidenti u kriżijiet taċ-ċibersigurtà fuq skala kbira (ĠU L 239, 19.9.2017, p. 36).

ta' organizzazzjoni ta' kollegament f'każ ta' ċiberkriżijiet (European cyber crisis liaison organisation network, "EU-CyCLONe") stabbilit fid-Direttiva (UE) 2022/2555 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁷ u jevita d-duplikazzjoni tal-istrutturi u l-attivitàjiet. Jenħtieġ li jirrispetta bis-sħiħ l-arranġamenti Integrati eżistenti għal Rispons Politiku f'Sitwazzjonijiet ta' Kriżi⁸ (Integrated Political Crisis Response, "IPCR") tal-Kunsill għall-koordinazzjoni tar-rispons.

- (14) Din ir-Rakkomandazzjoni tibni fuq il-mekkaniżmi stabbiliti tal-Unjoni għall-immaniġġjar tal-kriżijiet, u hija, b'mod aktar ġenerali, konsistenti u komplementari magħhom, b'mod partikolari l-arranġamenti IPCR tal-Kunsill, il-proċess intern ta' koordinazzjoni tal-kriżijiet tal-Kummissjoni ARGUS⁹ u l-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili (Union Civil Protection Mechanism, "UCPM")¹⁰, appoġġjat miċ-Ċentru ta' Koordinazzjoni tar-Reazzjoni f'każ ta' Emerġenza (Emergency Response Coordination Centre, "ERCC")¹¹, il-Mekkaniżmu ta' Rispons għall-Kriżijiet tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna ("SEAE"), kif ukoll l-Istrument tas-Suq Uniku ta' Emergenza¹², li kollha kemm huma jista' jkollhom rwol x'jaqdu fir-rispons għal tfixkil kbir tal-operazzjonijiet ta' infrastruttura kritika.
- (15) Fir-rispons għal inċident sinifikanti ta' infrastruttura kritika, jistgħu jintużaw l-għodod jew il-mekkaniżmi ta' hawn fuq fil-livell tal-Unjoni, f'konformità mar-regoli u l-proċeduri applikabbli għalihom, li din ir-Rakkomandazzjoni jenħtieġ li tikkomplementahom mingħajr ma taffettwahom. Pereżempju, l-arranġamenti IPCR tal-Kunsill jibqgħu l-għodda ewlenija għall-koordinazzjoni tar-rispons fil-livell politiku tal-Unjoni bejn l-Istati Membri. Il-koordinazzjoni interna fil-Kummissjoni sseħħ fil-qafas tal-proċess ta' koordinazzjoni transettorjali ta' kriżijiet ARGUS. Jekk il-kriżi tinvolvi dimensjoni esterna jew tal-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni ("PSDK"), jista' jintuża l-Mekkaniżmu ta' Rispons għall-Kriżijiet tal-SEAE. F'konformità mad-Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE dwar Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili (Union Civil Protection Mechanism, "UCPM"), ir-rispons operazzjonali skont l-UCPM għal diżastri naturali u kkawżati mill-bniedem attwali jew imminenti fl-Unjoni u barra minnha (inklużi dawk li jaffettwaw l-infrastruttura kritika) huma organizzati mill-ERCC, iċ-ċentru operazzjonali uniku 24/7 tal-Kummissjoni li jimmaniġġja r-rispons għall-kriżijiet. F'tali każijiet, l-ERCC jista' jipprovdi twissija bikrija, notifika, analiżi, u jappoġġja l-kondiviżjoni ta' informazzjoni u, fil-każ ta' attivazzjoni tal-UCPM minn Stat Membru, l-użu ta'

⁷ Id-Direttiva (UE) 2022/2555 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2022 dwar miżuri għal livell għoli komuni ta' ċibersigurtà madwar l-Unjoni kollha, li temenda r-Regolament (UE) Nru 910/2014 u d-Direttiva (UE) 2018/1972, u li tħassar id-Direttiva (UE) 2016/1148 (ĠU L 333, 27.12.2022, p. 80).

⁸ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1993 tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar l-Arranġamenti Integrati tal-UE għal Rispons Politiku f'Sitwazzjonijiet ta' Kriżi (ĠU L 320, 17.12.2018, p. 28).

⁹ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, u lill-Kumitat tar-Reġuni - Dispożizzjonijiet tal-Kummissjoni dwar is-sistema ġenerali ta' twissija rapida "ARGUS", COM(2005) 662 final.

¹⁰ Id-Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 924).

¹¹ Id-Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE dwar Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili (Union Civil Protection Mechanism, UCPM), toħloq qafas għall-perikli kollha li jistabbilixxi arranġamenti ta' prevenzjoni, thejjja u rispons fil-livell tal-Unjoni għall-immaniġġjar ta' kull tip ta' diżastri naturali u kkawżati mill-bniedem jew diżastri imminenti fl-UE u barra minnha.

¹² Ir-Regolament .../... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi strument għas-Suq Uniku f'emerġenza u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2679/98, COM(2022) 459 final.

assistenza operazzjonali u esperti f'żoni affettwati. Barra minn hekk, l-ERCC jista' jiffaċilita l-koordinazzjoni settorjali u transsettorjali kemm fil-livell tal-UE kif ukoll bejn l-UE u l-awtoritajiet nazzjonali rilevanti, inklużi dawk responsabbli għall-protezzjoni ċivili u r-reżiljenza ta' infrastruttura kritika.

- (16) Filwaqt li jenħtieġ li jitqiesu l-proċessi stabbiliti f'din ir-Rakkomandazzjoni, meta xieraq, f'konnessjoni ma' dawk l-għodod jew il-mekkaniżmi l-oħra ladarba jintużaw, jenħtieġ li din ir-Rakkomandazzjoni tiddeskrivi wkoll l-azzjonijiet li jistgħu jitwettqu fil-livell tal-Unjoni fir-rigward tal-għarfien komuni tas-sitwazzjoni, il-komunikazzjoni pubblika ikkoordinata u r-rispons effettiv barra mill-qafas ta' dawk il-mekkaniżmi ta' koordinazzjoni tal-Unjoni tal-kriżijiet, f'każ li dawn ma jintużawx.
- (17) Sabiex ir-rispons jiġi kkoordinat aħjar f'każ ta' inċidenti sinifikanti ta' infrastruttura kritika, jenħtieġ li jkun hemm titjib fil-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri u l-istituzzjonijiet tal-Unjoni, l-aġenziji, il-korpi u l-uffiċċji rilevanti tal-Unjoni li jaħdmu permezz ta' arranġamenti eżistenti, f'konformità mal-qafas tal-Pjan ta' Azzjoni għall-Infrastruttura Kritika. Għalhekk, il-Pjan ta' Azzjoni għall-Infrastruttura Kritika jenħtieġ li japplika meta jintlaħaq il-limitu ta' sitt Stati Membri jew aktar previst fid-Direttiva (UE) 2022/2557 fir-rigward tal-identifikazzjoni ta' entitajiet kritiċi ta' sinifikat Ewropew partikolari, kif ukoll meta jsejtnu inċidenti li jaffettwaw għadd iżgħar ta' Stati Membri minħabba li inċidenti bħal dawn jista' jkollhom impatt wiesa', minħabba effetti kaskata bejn il-fruntieri u għalhekk il-koordinazzjoni tar-rispons fil-livell tal-Unjoni tkun ta' benefiċċju.
- (18) Filwaqt li jitqies meħtieġ qafas ta' kooperazzjoni fil-livell tal-Unjoni għal rispons ikkoordinat għal inċidenti sinifikanti ta' infrastruttura kritika, jenħtieġ li dan ma jiddevjax ir-riżorsi ta' entitajiet kritiċi u ta' awtoritajiet kompetenti mit-trattament ta' inċidenti, li jenħtieġ li jkun il-prijorità.
- (19) L-atturi rilevanti involuti fl-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni għall-Infrastruttura Kritika jenħtieġ li jiġu identifikati b'mod ċar sabiex ikun hemm ħarsa ġenerali ċara u komprensiva tal-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji, l-aġenziji u l-awtoritajiet li jistgħu jkun qegħ jirrispondu għal inċident kritiku sinifikanti fl-infrastruttura.
- (20) Ir-rispons għal inċidenti ta' infrastruttura kritika, inklużi dawk sinifikanti, huwa r-responsabbiltà primarja tal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri. Jenħtieġ li din ir-Rakkomandazzjoni ma taffettwax ir-responsabbiltà tal-Istati Membri għas-salvagwardja tas-sigurtà u d-difiża nazzjonali jew is-setgħa tagħhom li jissalvagwardjaw funzjonijiet essenzjali oħra tal-Istat, b'mod partikolari dwar is-sigurtà pubblika, l-integrità territorjali u ż-żamma tal-liġi u l-ordni, f'konformità mad-dritt tal-Unjoni. Barra minn hekk, jenħtieġ li din ir-Rakkomandazzjoni ma taffettwax il-proċessi nazzjonali, bħall-komunikazzjoni u l-kollegament tal-operaturi ta' infrastruttura kritika mal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti. Jenħtieġ li din ir-Rakkomandazzjoni tapplika mingħajr ma taffettwa l-arranġamenti bilaterali jew multilaterali rilevanti konklużi bejn l-Istati Membri.
- (21) L-indikazzjoni jew l-istabbiliment ta' punti ta' kuntatt mill-atturi rilevanti huwa essenzjali għall-kooperazzjoni effettiva u f'waqtha fil-qafas tal-Pjan ta' Azzjoni għall-Infrastruttura Kritika. Biex jiżguraw il-koerenza, jenħtieġ li l-Istati Membri jikkunsidraw il-possibbiltà li jkollhom bħala l-punti ta' kuntatt indikati jew stabbiliti f'dan il-qafas il-punti uniċi ta' kuntatt li għandhom jiġu indikati jew stabbiliti fil-qafas tad-Direttiva (UE) 2022/2557.

- (22) Fl-interess tal-effettività, l-ittestjar u l-prattika tal-Pjan ta' Azzjoni għall-Infrastruttura Kritika, kif ukoll ir-rapportar u d-diskussjoni tat-tagħlimiet meħuda wara l-applikazzjoni tiegħu, jenħtieġ li jkunu parti essenzjali miż-żamma ta' livell għoli ta' tħejjija fil-każ ta' inċidenti sinifikanti ta' infrastruttura kritika u tal-iżgurar tal-kapaċità li jitwassal rispons rapidu u kkoordinat tajjeb, bl-involviment tal-atturi rilevanti.
- (23) Meta titqies l-istruttura tal-mekkaniżmu ta' koordinazzjoni IPCR tal-Kunsill u jitqies, b'mod aktar wiesa', l-attivazzjoni potenzjali tal-mekkaniżmi ta' koordinazzjoni tal-kriżijiet li diġà jeżistu fil-livell tal-Unjoni, jenħtieġ li l-Pjan ta' Azzjoni għall-Infrastruttura Kritika jinkludi żewġ modi ta' kooperazzjoni b'rispons għal inċident sinifikanti ta' infrastruttura kritika. Jenħtieġ li l-ewwel wieħed jikkonsisti mill-iskambju ta' informazzjoni li jinvolvi l-atturi rilevanti kollha, il-koordinazzjoni tal-komunikazzjoni pubblika u, fejn tintuża, il-koordinazzjoni permezz ta' mekkaniżmi diġà eżistenti bħall-arranġamenti IPCR fil-Kunsill, jew il-koordinazzjoni ARGUS fil-Kummissjoni, appoġġjati mill-ERCC bħala punt ta' kuntatt operattiv 24/7, u l-Mekkaniżmu ta' Rispons għall-Kriżijiet tas-SEAE. It-tieni wieħed jenħtieġ li jinkludi aktar azzjoni ta' rispons minħabba l-iskala tal-inċident. Jenħtieġ li din il-kooperazzjoni tinvolvi impenn fil-livelli operazzjonali, strateġiċi/politiċi, li jirrifletti l-livelli fir-Rakkomandazzjoni 2017/1584 u fil-Protokoll tal-Unjoni kontra t-theddid ibridu, sabiex jiġu kkoordinati l-azzjonijiet u jingħata rispons għall-inċident sinifikanti ta' infrastruttura kritika b'mod effettiv u effiċjenti. Abbażi tal-prinċipji tal-proporzjonalità, tas-sussidjarjetà, tal-kunfidenzjalità ta' informazzjoni u tal-komplementarjetà u sabiex tiġi żgurata kooperazzjoni effettiva, jenħtieġ li l-Pjan ta' Azzjoni għall-Infrastruttura Kritika jiddeskrivi kif iseħħ l-għarfien komuni tas-sitwazzjoni mill-atturi rilevanti, kif ukoll il-komunikazzjoni pubblika kkoordinata u r-rispons effettiv.
- (24) L-iskambju ta' informazzjoni skont din ir-Rakkomandazzjoni jenħtieġ li jitwettaq mingħajr ma jipperikola s-sigurtà nazzjonali jew l-interessi kummerċjali u tas-sigurtà tal-entitajiet li joperaw infrastruttura kritika. Għalhekk, jenħtieġ li l-informazzjoni sensittiva tiġi aċċessata, skambjata u ttrattata b'mod prudenti, f'konformità mar-regoli applikabbli, u b'attenzjoni partikolari għall-mezzi ta' trażmissjoni u l-kapaċitajiet ta' ħżin użati,

ADOTTA DIN IR-RAKKOMANDAZZJONI:

- (1) L-Istati Membri, il-Kunsill, il-Kummissjoni u, meta xieraq, is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna ("SEAE") u l-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji rilevanti tal-Unjoni jenħtieġ li jikkooperaw ma' xulxin fil-qafas tal-Pjan ta' Azzjoni għall-Infrastruttura Kritika f'din ir-Rakkomandazzjoni, sabiex jintlaħqu l-oġettivi stabbiliti fit-Taqsima 1 tal-Parti I tal-Anness u, filwaqt li jitqiesu l-prinċipji stabbiliti fit-Taqsima 2 tal-Parti I tal-Anness, jingħata rispons ikkoordinat għal inċidenti sinifikanti ta' infrastruttura kritika.
- (2) L-Istati Membri, il-Kunsill, il-Kummissjoni u, meta xieraq, is-SEAE u l-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji rilevanti tal-Unjoni jenħtieġ li japplikaw il-Pjan ta' Azzjoni għall-Infrastruttura Kritika mingħajr dewmien żejjed kull meta jseħħ inċident sinifikanti ta' infrastruttura kritika, jiġifieri, inċident li jinvolvi infrastruttura kritika li jkollu wieħed mill-effetti li ġejjin:
- (a) effett ta' tfixkil sinifikanti fuq il-forniment ta' servizzi essenzjali lil sitt Stati Membri jew aktar, jew fihom, inkluż meta jaffettwa entità kritika ta' sinifikat

Ewropew partikolari skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tad-Direttiva (UE) 2022/2557 dwar ir-reżiljenza tal-entitajiet kritiċi¹³; jew

- (b) effett ta' tfixkil sinifikanti fuq il-forniment ta' servizzi essenzjali f'żewġ Stati Membri jew aktar, meta l-Istat Membru li jkollu l-Presidenza b'rotazzjoni tal-Kunsill, bi qbil ma' daww l-Istati Membri l-oħra u f'konsultazzjoni mal-Kummissjoni, iqis li hija meħtieġa koordinazzjoni f'waqtha fir-rispons fil-livell tal-Unjoni, minħabba l-impatt mifrux u sinifikanti tal-inċident ta' rilevanza teknika jew politika.
- (3) L-atturi rilevanti tal-Pjan ta' Azzjoni għall-Infrastruttura Kritika, identifikati fil-livelli operazzjonali, strateġiku/politiku skont it-Taqsima 3 tal-Parti I tal-Anness, jenħtieġ li jagħmlu hilitom biex jinteraġixxu u jikkooperaw fil-komplementarjetà. Jenħtieġ li jiżguraw l-iskambju adegwat u f'waqt ta' informazzjoni, inkluż il-koordinazzjoni tal-komunikazzjoni pubblika, u r-rispons ikkoordinat kif stabbilit fil-Parti II tal-Anness.
- (4) Jenħtieġ li l-Pjan ta' Azzjoni għall-Infrastruttura Kritika jiġi applikat filwaqt li jitqiesu strumenti rilevanti oħra u b'koerenza magħhom, f'konformità mat-Taqsima 4 tal-Parti I tal-Anness. F'każ li inċident jaffettwa kemm l-aspetti fiżiċi kif ukoll iċ-ċibersigurtà tal-infrastruttura kritika, jenħtieġ li jiġu żgurati sinerġiji mal-proċessi rilevanti stabbiliti fil-Pjan ta' Azzjoni dwar iċ-Ċiberspazju.
- (5) Jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li jagħtu rispons b'mod effettiv, fil-livell nazzjonali, u f'konformità mad-dritt tal-Unjoni, għal tfixkil ta' infrastruttura kritika wara inċidenti sinifikanti ta' infrastruttura kritika.
- (6) Jenħtieġ li l-Istati Membri, il-Kunsill, is-SEAE, l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Agency for Law Enforcement Cooperation, "Europol") u aġenziji rilevanti oħra tal-Unjoni, kif ukoll il-Kummissjoni, jindikaw jew jistabbilixxu punt ta' kuntatt għal kwistjonijiet relatati mal-Pjan ta' Azzjoni għall-Infrastruttura Kritika. Jenħtieġ li l-punti ta' kuntatt jappoġġjaw l-applikazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni għall-Infrastruttura Kritika billi jipprovdu l-informazzjoni meħtieġa u jiffaċilitaw il-miżuri ta' koordinazzjoni li jagħtu rispons għal inċident sinifikanti ta' infrastruttura kritika. Għall-Istati Membri, meta possibbli, jenħtieġ li daww il-punti ta' kuntatt ikunu l-istess bħall-punti uniċi ta' kuntatt li għandhom jiġu indikati jew stabbiliti skont l-Artikolu 9(2) tad-Direttiva (UE) 2022/2557. Għall-Kummissjoni, l-ERCC jiżgura kuntatt u kapaċità operazzjonali 24/7 u jikkoordina, jimmonitorja u jappoġġa f'ħin reali r-rispons għall-emerġenzi fil-livell tal-Unjoni, filwaqt li jservi lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni bħala ċ-ċentru operazzjonali għar-rispons għall-kriżijiet li jippromwovi approċċ transsettorjali għall-ġestjoni tad-diżastri.
- (7) L-Istat Membru li jkollu l-Presidenza b'rotazzjoni tal-Kunsill, bi qbil mal-Istati Membri affettwati, jenħtieġ li jinforma lill-atturi rilevanti kollha, permezz tal-punti ta' kuntatt imsemmija fil-punt 6, dwar l-inċident sinifikanti ta' infrastruttura kritika u l-applikazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni għall-Infrastruttura Kritika. L-iskambju ta' informazzjoni rigward inċident sinifikanti ta' infrastruttura kritika jenħtieġ li jsir permezz ta' mezzi ta' komunikazzjoni xierqa, inkluż, meta applikabbli u xieraq, il-

¹³ Id-Direttiva (UE) 2022/2557 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2022 dwar ir-reżiljenza tal-entitajiet kritiċi u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 2008/114/KE (ĠU L 333, 27.12.2022, p. 164).

pjattaforma Integrata ta' Rispons Politiku f'Sitwazzjonijiet ta' Kriżi¹⁴ (Integrated Political Crisis Response, "IPCR") u l-ERCC permezz tas-Sistema Komuni ta' Kommunikazzjoni u Informazzjoni f'każ ta' Emerġenza (Common Emergency Communication and Information System, "CECIS"), applikazzjoni ta' twissija u notifika bbażata fuq il-web li tippermetti l-iskambju ta' informazzjoni f'ħin reali.

- (8) Jekk meħtieġ, jenħtieġ li l-mezzi ta' trażmissjoni jinkludu dawk sikuri sabiex ma jiġux ipperikolati s-sigurtà nazzjonali jew l-interessi kummerċjali u tas-sigurtà tal-entitajiet ikkonċernati. L-iskambju ta' informazzjoni li huwa deskritt fit-Taqsima 1 tal-Parti II tal-Anness ta' din ir-Rakkomandazzjoni jenħtieġ li jsir ukoll mingħajr ma tiġi pperikolata s-sigurtà nazzjonali jew l-interessi kummerċjali u tas-sigurtà tal-entitajiet kritiċi u f'konformità mal-liġi tal-Unjoni, b'mod partikolari r-Regolament (UE) .../... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁵. B'mod partikolari, jenħtieġ li l-informazzjoni sensittiva tiġi aċċessata, skambjata u ttrattata b'mod prudenti. Għodod akkreditati disponibbli kif ukoll miżuri ta' sigurtà adegwati jenħtieġ li jintużaw għat-trattament u l-iskambju ta' informazzjoni klassifikata.
- (9) Jenħtieġ li l-atturi rilevanti jipprattikaw u jittestjaw b'mod regolari l-funzjonament tal-Pjan ta' Azzjoni għall-Infrastruttura Kritika u r-rispons ikkoordinat tagħhom għal inċident sinifikanti ta' infrastruttura kritika fil-livelli nazzjonali, reġjonali u tal-Unjoni, pereżempju fil-kuntest ta' eżerċizzji. Tali Prattiki u testijiet jistgħu jinkludu, kif xieraq, entitajiet tas-settur privat. Jenħtieġ li jsir eżerċizzju fil-livell tal-Unjoni li jinkorpora aspetti fiżiċi u ċibernetiċi sa [*id-data tal-adozzjoni ta' din ir-Rakkomandazzjoni + 12-il xahar*].
- (10) Wara l-applikazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni għall-Infrastruttura Kritika fir-rigward ta' inċident sinifikanti ta' infrastruttura kritika, il-Grupp għar-Reżiljenza tal-Entitajiet Kritiċi msemmi fl-Artikolu 19 tad-Direttiva (UE) 2022/2557 jenħtieġ li jiddiskuti mal-atturi rilevanti, fil-ħin, it-tagħlimiet identifikati li jistgħu jindikaw lakuni u oqsma meta jkun meħtieġ titjib u sussegwentement iħejji rapport, inklużi rakkomandazzjonijiet biex jintlaħaq tali titjib. It-tħejjija ta' dak ir-rapport jenħtieġ li tkun appoġġjata mill-atturi rilevanti involuti fl-applikazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni għall-Infrastruttura Kritika. Jenħtieġ li r-rapport jiġi adottat mill-Kummissjoni.
- (11) Jenħtieġ li l-Istati Membri jiddiskutu r-rapport imsemmi fil-punt 10 fil-korpi preparatorji rilevanti tal-Kunsill jew fil-Kunsill.

¹⁴ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1993 tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar l-Arranġamenti Integrati tal-UE għal Rispons Politiku f'Sitwazzjonijiet ta' Kriżi, ST/13422/2018/INIT, (ĠU L 320, 17.12.2018, p. 28).

¹⁵ Ir-Regolament (UE) .../... dwar is-sigurtà tal-informazzjoni fl-istituzzjonijiet, fil-korpi, fl-uffiċċji u fl-aġenziji tal-Unjoni COM/2022/119 final.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*